

# *Il-Programm 'Palmisti'*
## *Il-leħen tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti*

*minn Kevin Schembri*

Is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. minn dejjem kienet soċjetà li toffri diversi opportunitajiet lill-komunità taż-Żurrieq. Għaldaqstant, f'soċjetà mimlija opportunitajiet, wieħed jasal mill-ewwel biex jagħraf għalfejn is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. minn dejjem kienet soċjetà mfittxija miż-żgħażagħ. Hawnhekk, b'mod naturali, iż-żgħażagħ isibu opportunitajiet biex ikabbru t-talenti tagħhom u dan isir f'diversi oqsma fosthom dak bandistiku u mużikali, f'dak artistiku, b'mod speċjali dak li jikkonċerna l-qasam tal-armar u wkoll dak piroknetiku. Aktar ma jgħaddi ż-żmien din is-Soċjetà qed issir soċjetà ta' aktar opportunitajiet mhux biss lokalment iżda wkoll opportunitajiet internazzjonali. Grazzi għat-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti, l-opportunitajiet fis-Soċjetà ma jkunux limitati biss għal dik il-ġimgħa tal-festa, iżda minħabba li l-ħidma ta' din is-Sezzjoni hija mqassma matul is-sena kollha, is-Soċjetà hi opportunità miftuħa ta' kuljum. Forsi wieħed jassoċja l-opportunitajiet fi ħdan is-Sezzjoni Żgħażagħ aktar ma' xogħol manwali, iżda min jagħmel din l-assoċjazzjoni forsi wieħed ikun qed jinsa li din is-Sezzjoni qed toffri wkoll opportunitajiet fil-qasam letterarju u storiku ta' din is-Soċjetà. Ejja nħarsu lejn dan il-ktejjeb bl-isem 'Palmisti' li twieled proprjament 30 sena ilu, fis-sena 1993 u naraw li fih wieħed isib kontribuzzjonijiet minn artikolisti żgħażagħ, minn fotografi żgħażagħ, minn poeti u anke qarrejja tal-provi, u edituri. Dan il-programm jagħti l-opportunità li wieħed jaħdem f'tim li mbagħad meta x-xogħol kollu jingħaqad jissarraf f'dan il-ktejjeb mill-isbaħ li jingħata lill-membri, soċi, ammiraturi, benefatturi u partitarji flimkien mal-ktieb prinċipali tal-festa li jinħareġ mill-Kumitat Ċentrali tas-Soċjetà. Illum grazzi għal dan l-artiklu, ser ikolli l-opportunità li jien inkun anke ta' xhud ħaj għal dak li jien qed nikteb filwaqt li naraw l-evoluzzjoni ta' dan il-ktejjeb.

### *L-Ewwel Pubblikazzjoni*

Nibda billi nagħti ftit deskrizzjoni tal-ewwel pubblikazzjoni, li fi ftit kliem nista' niddeskriviha bħala pubblikazzjoni pjuttost sempliċi. Fil-qoxra wieħed seta' jara ritratt antik tal-monument ta' Santa Katarina V.M. li jinsab f'Misraħ ir-Repubblika. Jekk wieħed jiftakar li s-Sezzjoni Żgħażagħ




dejjem ħadet ħsieb tfakkar it-tradizzjonijiet antiki marbuta mal-Festa Titulari, wieħed malajr jifhem għalfejn intgħażel dan ir-ritratt. Dan ir-ritratt ifakkarna li l-monument prinċipali ta' raħalna huwa l-Monument ta' Santa Katarina V.M. Iżda jekk wieħed jifli dan ir-ritratt bir-reqqa jinnota li wara Santa Katarina V.M. tidher bandiera tal-Papa tittajjar fuq arblu li jidher ċar li kien l-arblu li kien jittella' fil-Festa Titualri fuq id-Dar Arċipretali, drawwa li llum intilfet. Din il-pubblikazzjoni kienet waħda kollha *black and white*, b'total ta' 48 faċċata. F'din il-pubblikazzjoni wieħed seta' jsib 'il-Kelma tal-Arċipriet', il-Kelma tas-Surmast Direttur, messaġġi mic-*Chairman*, mis-Segretarju, mill-Kaxxier u minn diversi membri tas-Sotto

Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ, ritratt tas-Sotto Kumitat Sezzjoni Żgħażagħ tas-sena 1993, rendikont finanzjarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ, Programm tal-Ewwel Lejla Maltija li saret fit-28 t'Awwissu 1993, poeżija, informazzjoni dwar diversi armar u tradizzjonijiet marbuta mal-Festa ta' Santa Katarina V.M., kif ukoll diversi ritratti ta' attivitajiet organizzati matul dik is-sena. Minn hawn 'il quddiem, kif isir f'kull qasam mis-Sezzjoni Żgħażagħ, is-sotto kumitat qatt ma ħares lura, u baqa' jaħtar nies adattati u dedikati biex jiffurmaw il-Bord Editorjali tas-Sezzjoni Żgħażagħ biex dan il-programm baqa' jogħla fil-livell, baqa' jkun ta' interess ġenerali u jkun ta' opportunità biex iservi ta' vetrina għal dak ix-xogħol kollu li jitwettaq mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti.

## *Format*

Mill-ewwel edizzjoni sa din li qed naqraw illum, sar ħafna kambjament. Il-ktejjeb ħa l-qies stabilit tiegħu, qis ta' daqs A4. Biex inkunu preċiżi, dan il-qies kien adottat mill-ewwel, iżda l-ktejjeb tas-sena 1995, kien ta' daqs anqas minn A4 u fid-daqs kien prattikament daqs l-istess annwarju li jinħareġ mis-Soċjetà. L-annwarju li jinħareġ mill-Kumitat Ċentrali jkun juri serjetà kbira, jixbah aktar ktieb sew fil-qies sew ukoll fl-artikli li jiġu ppublikati. Annwarju serju u li hu mfittex mill-kollezzjonisti tal-Programmi tal-Festa. Il-Programm jew il-ktejjeb li jinħareġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti huwa ktejjeb li jixbah ħafna aktar lil *magazine*. Dan biex ikun jappella wkoll għaż-żgħażagħ. Madanakollu wieħed isib bilanċ f'dan l-istess ktejjeb minħabba li wieħed illum xorta waħda jiltaqa' ma' diversi artikli interessanti li jappellaw għal kulħadd. Żdiedu l-artikli, l-informazzjoni u r-ritratti. Minn ktejjeb ta' 48 faċċata, illum sar ktejjeb ta' madwar 80 faċċata. Fl-ewwel edizzjonijiet ta' dan il-ktejjeb rajna li l-paġni bil-kulur kienu limitati biss għal 4 faċċati fin-nofs ta' dan il-ktejjeb. Maż-żmien l-ewwel żdiedu l-faċċati stampati f'żewġ kuluri, u wara komplew jiżdiedu l-faċċati tal-kulur biex illum din il-pubblikazzjoni hija magħmula minn 45 faċċata kollha kulur.

## *Titlu tal-Programm*

Is-Sezzjoni Żgħażagħ tas-Soċjetà ġiet mogħtija l-isem ta' Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti. Il-kelma 'Palmisti' ġejja mill-kelma Palma, li tfakkarna fil-Palma li żżomm Santa Katarina V.M. biex tfakkarna li hi ħadet il-martirju għat-twemmin tagħha. Maż-żmien dawk il-membri li jappoġġjaw lis-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. u l-festa tal-Patruna tagħna Santa Katarina V.M. ġew imlaqqmin bħala 'Palmisti'. U hekk ukoll, fl-1996 il-ktejjeb maħruġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti fl-okkażjoni tal-festa Titulari ġie wkoll imsemmi 'Palmisti', liema titlu jidher bi prominenza kbira fil-faċċata ta' dan il-ktejjeb.

## *Il-Faċċata*

Il-faċċata ta' dan l-annwarju kienet dejjem faċċata sabiħa u li tista' tgħid li kienet ukoll marbuta ma' Santa Katarina V.M., jew mas-Soċjetà, jew inkella ma' xi proġett maħdum u inawgurat fil-festa ta' qabel mis-Sezzjoni Żgħażagħ. Insemmu l-faċċata tas-snin 1994 u 1995 li uriet *collage* ta' ritratti




marbuta mal-Festa ta' Santa Katarina V.M.; il-faċċata tas-sena 1996 li turina lil Santa Katarina V.M., lill-Knisja Arċipretali ta' Santa Katarina taż-Żurrieq mixgħula u armata għall-festa u l-monasteru tas-Sinaj biex tfakkar fil-ġita li saret mis-Soċjetà fl-Eġittu. Il-faċċata tas-sena 1998 wriet l-emblema l-ġdida tas-Soċjetà filwaqt li dik tas-sena 2002 fakkret iż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Monasteru ta' Santa Katarina V.M. ġewwa s-Sinaj. Disinn li fl-opinjoni tiegħi kien laqatni ferm kien id-disinn tal-faċċata tal-ktieb tas-sena 1999 li kien juri l-kelma 'Palmisti' iżda bl-ittra 'P' kbira tul il-faċċata kollha u li fiha kienet mimlija ritratti marbuta mas-Sezzjoni Żgħażagħ. Il-faċċata tas-sena 2009 fakkret il-mawra tal-Banda Santa Katarina V.M. ġewwa l-Ungerija kif ukoll ir-rebħ tal-Premju miksub fil-Festival tan-Nar tal-Art Mekkanizzat għall-aħjar esebizzjoni skont l-opinjoni pubblika ta' dik l-istess sena. Mis-sena 2010 'il quddiem, id-disinn tal-faċċata kien wieħed innovattiv u li kien juri l-opra jew proġett li jkun ġie ffinanzjat mis-Sezzjoni Żgħażagħ fil-festa preċedenti.

Mis-sena 1996 'il quddiem, it-titlu ta' dan il-ktejjeb dejjem ħa prominenza kbira fil-faċċata. Sas-sena 2003 dan kien isir billi dan kien jiġi stampat b'ittri kbar ħomor, iżda fis-sena 2004 saret forma biex dan l-isem seta' jsir *embossed*. Fis-sena 2017, din il-forma nbiddlet u saret b'tipa differenti. Tista' tgħid li imbagħad l-ittri 'PALMISTI' dejjem saru bil-*hotfoil* ħlief fis-sena 2005. Il-kulur tal-*hotfoil* kien dejjem wieħed

*ikompli fpaġna 54*